



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0084(COD)

7670/22
ADD 7

CSC 128
CSCI 45
CYBER 100
INST 99
INF 40
CODEC 385
IA 34

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 65 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 65 final.

Mehmuż: SWD(2022) 65 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2022
SWD(2022) 65 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-
Unjoni

{COM(2022) 119 final} - {SWD(2022) 66 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Analiżi tal-impatt dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni
A. Kuntest politiku
L-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew għall-2019-2024 tappella lill-Istituzzjonijiet biex jipproteġu n-networks ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha minn attivitajiet malizzjużi ta' kull tip, inkluż it-theddid ċibernetiku u ibridu. Konsegwentement, il-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali f'Diċembru 2019 ikkonkluda li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw sett komprensiv ta' miżuri biex jiżguraw is-sigurtà tal-informazzjoni tagħhom. F'Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, li permezz tagħha impenjat ruħha li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà. Bħala parti minn din l-istrateġija, il-Kummissjoni pproponiet li jinholq sett minimu ta' regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni (UIBs).
B. X'inhil-problema?
Il-problemi ewlenin huma: i) id-differenza sinifikanti bejn il-livell ta' sigurtà tal-UIBs skont ir-regoli interni tagħhom dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u ii) n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fit-tweġiq tal-kompiti ta' sigurtà tagħhom. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bħalissa għandhom ir-regoli proprji tagħhom dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew ma adottaw l-ebda tali regoli. Il-frammentazzjoni tal-qafas legali applikabbli wasslet għal kategoriji differenti ta' informazzjoni mhux klassifikata, marki differenti u struzzjonijiet ta' trattament b'mod ġenerali. Għal dak li jikkonċerna l-informazzjoni klassifikata tal-UE, l-interoperabbiltà tas-sistemi rilevanti tibqa' limitata, li tipprevjeni trasferiment bla xkiel ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u mal-Istati Membri. Din is-sitwazzjoni żżid ir-riskji li l-aggressuri joħlqu ksur tas-sigurtà fl-aktar ħolqa dgħajfa u jużaw dan bħala punt ta' tluq għal aktar attacchi fuq istituzzjonijiet jew korpi oħra.
C. X'għandu jinkiseb?
L-oġġettiv ġenerali tal-inizjattiva huwa li jinħolqu regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni msaħħa u konsistenti kontra t-theddid li qed jevolvi għall-informazzjoni tagħhom. L-oġġettiv ġenerali huwa tradott f'erba' oġġettivi speċifiċi: • L-istabbiliment ta' kategoriji armonizzati u komprensivi ta' informazzjoni • L-identifikazzjoni tal-lakuni fis-sigurtà u l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa • L-istabbiliment ta' kooperazzjoni sempliċi dwar is-sigurtà tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni • L-immodernizzar tal-politiki tas-sigurtà tal-informazzjoni, b'kont meħud tat-trasformazzjoni

diġitali u t-telexogħol

D. X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti?

Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati (l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-Awtoritajiet tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Membri u l-esperti tar-riċerka mill-JRC) qablu dwar il-ħtieġa ta' standards komuni għas-sigurtà tal-informazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni, b'enfasi fuq il-punti li ġejjin:

- Id-diversità u l-ambjent kummerċjali differenti ta' kull UIB għandhom jitqiesu u għandha tkun permessa soluzzjoni lokali;
- Filwaqt li l-maġġoranza tal-istituzzjonijiet u l-korpi huma lesti li jikkooperaw mal-kontropartijiet tagħhom f'korpi komuni għal finijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni, huma mhumiex lesti li jiddelegaw is-setgħat tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- L-abbozz ta' Regolament għandu jiġi abbozzat fir-rigward tal-Ftehim Intergovernattiv¹ tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.

E. X'inhu l-impatt tal-proposta?

Benefiċċji

Bil-ħolqien ta' linja bażi ta' regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-abbozz ta' Regolament se jżid il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-informazzjoni filwaqt li jnaqqas id-diskrepanzi attwali. Dan għandu jgħin ukoll biex jiġu eliminati il-ħolqiet dgħajfa potenzjali filwaqt li tiġi protetta l-informazzjoni kondiviża fi ħdan l-amministrazzjoni Ewropea.

Minn perspettiva ta' effiċjenza, l-abbozz ta' Regolament għandu jwassal għal kisbiet mill-prestazzjoni koordinata ta' kompiti komuni ta' sigurtà tal-informazzjoni (eż. approvazzjonijiet, akkreditazzjoni ta' Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni) u l-ħolqien ta' korpi ta' governanza komuni (eż. il-Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali, is-sottogruppi tekniċi).

L-impatt ekonomiku

Għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-isforzi meħtieġa biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni l-ġdida huma mistennija li jiġu kkompensati mill-kisbiet fl-effiċjenza filwaqt li spejjeż addizzjonali jistgħu jiġu koperti taħt il-programmi eżistenti ta' titjib tas-sigurtà tal-informazzjoni ta' kull organizzazzjoni. Fuq medda twila ta' żmien, dawn se jiggwadanjaw mill-approċċ koerenti fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà tal-informazzjoni li dejjem qed jevolvi.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura s-Segretarjat permanenti tal-Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali u talloka riżorsi umani għal dan il-kompitu (uffiċjal AD wieħed u uffiċjal AST wieħed).

L-ebda impatt ekonomiku mhu mistenni fil-livell tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u s-settur privat.

¹ Il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, 2011/C202/05

F. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Se ssir evalwazzjoni shiġha kull 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni sabiex jiġu vvalutati l-impatti u l-implimentazzjoni tal-abbozz ta' Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport bis-sejbiet tagħha u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.